**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Lulju, 2018

Rikors Nru : 226/18AL

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi huwa zzewweg lill-intimata, u cioe' lil Hanane Farrugia Borg permezz ta' cerimonja Islamika celebrata fl-Islamic Centre gewwa Kordin, nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006);

2. Illi minn dan iz-zwieg l-partijiet ghandhom tlett'itfal, u cioe' Adam, Mariam, u Sara, li ghadhom minuri;

3. Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017), liema kopja tal-kuntratt hekk kif insinwat qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK A;

**4. Illi ma hemm ebda pendenza ta'manteniment bejn ir-rikorrenti u l-intimata;**

5. Illi filfatt ghaddew ferm oltre erba' (4) snin mid-data tas-separazzjoni *de facto* bejn il-partijiet u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

**6.** Illi **<u>ghaldaqstant, jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;</u>**

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

I. **TIDDIKJARA** z-zwieg tar-rikorrenti ma' CB mahlul, u li konsegwentement il-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi,

II. **TORDNA** lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Mejju, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi r-rikorrenti ikkonferma bil-gurament ir-rikors promotur;

Rat illi l-intimata fuq domanda tal-Qorti wiegbet li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta'Lulju 2017 u ilhom de facto separati ferm oltre erba' (4) snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.